

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2013 — Smartbook vs UASI (SMARTBOOK)

(Kawża T-123/12) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SMARTBOOK — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2014/C 31/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Smartbook AG (Offenburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Milbradt, A. Schwarz u F. Reiling, avvukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Qualcomm, Inc. (Dover, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Renck, A. Leister u V. von Bomhard, avvukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Diċembru 2011 (Każ R 799/2011-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali SMARTBOOK bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Smartbook AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 157, 02.06.2012

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2013 — Eckes-Granini vs UASI — Panini (PANINI)

(Kawża T-487/12) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva PANINI — Trade marks nazzjonali u Komunitarja verbali preċedenti GRANINI — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2014/C 31/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Eckes-Granini Group GmbH (Nieder-Olm, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Berlit, avvukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Panini SpA (Modena, l-Italja) (rappreżentant: F. Terrano, avvukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Settembru 2012 (Każ R 2393/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Eckes-Granini Group GmbH u Panini SpA.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Eckes-Granini Group GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 26, 26.01.2013.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Ottubru 2013 — Société européenne des chaux et liants vs ECHA

(Kawża T-540/13)

(2014/C 31/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Société européenne des chaux et liants (Bourgoin-Jallieu, Franza) (rappreżentant: J. Dezarnaud, avvukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Talbiet tar-rikorrenti

— tilqa' t-talba tal-kumpannija ECL li purament u sempliċement tinħeles mill-multa li ġiet innotifikata biha.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob il-ħelsien tagħha mill-ħlas amministrattiv impost permezz tad-Deċiżjoni SME (2013) 1665 tal-ECHA, tal-21 ta' Mejju 2013, li tikkonstata li r-rikorrenti ma tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex tibbenefika mit-tnaqqis tat-tariffa previst għall-impriżi ż-żgħar wara d-dikjarazzjoni tagħha ta' rettifika ppreżentata wara l-bidu mill-ECHA tal-proċedura ta' verifika tad-daqs tal-impriża.